# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 7**

**Citazzjoni numru 938/03 JZM**

**Philip u Jane konjugi Gatt u b'digriet tat-8 ta' Awwissu 2014 stante l-mewt ta' Jane Gatt fil-mori tal-kawza l-gudizzju f'isimha gie trasfuz ghal fuq isem l-istess Philip Gatt**

**v.**

**Joseph u Rita konjugi Schembri u b'digriet tal-4 ta' Ottubru 2011 kunjom il-konvenuta Rita Schembri gie sostitwit ghal Gatt**

<u>Preliminari</u>

Illi dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Schembri mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2014, li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tichad it-talbiet attrici; ghall-ahjar intendiment din is-sentenza qed tigi riprodotta:

"**Il-Qorti :**

“**I. Preliminari**

“Rat ic-citazzjoni prezentata fit-12 ta` Settembru 2003 li taqra hekk –

“*Billi l-atturi silfu lill-konvenuti brevi manu s-somma kapitali ta` tnejn u hamsin elf disa` mija u disa` u tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm52,989.18) f`okkazjonijiet differenti, u dan kif jirrizulta ahjar mill-anness prospett markat Dokument A, u dan oltre self iehor li kien sar li pero` ghadu mhux dovut kollu.*

“*U billi l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jhallsu lura din is-somma kapitali ta` tnejn u hamsin elf disa` mija u disa` u tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm52,989.18) hekk lilhom mislufa mill-mutwanti.*

“*U billi ghalhekk il-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom huma veru, certi u likwidi debituri a favur tal-atturi fis-somma ta` tnejn u hamsin elf disa` mija u disa` u tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm52,989.18).*

“*U billi l-konvenuti gew interpellati biex ihallsu din is-somma mislufa lilhom izda baqghu inadempjenti.*

“*U billi l-konvenuti m`ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talbiet attrici ai termini tal-Artikolu 167(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*
*Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

“*1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

“*2. Tiddikjara lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom bhala veru, certi u likwidi debituri a favur tal-atturi fis-somma ta` tnejn u hamsin elf disa` mija u disa` u tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm52,989.18) dovuta kif inghad hawn fuq.*

“*3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta` tnejn u hamsin elf disa` mija u disa` u tmenin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm52,989.18).*

“*Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta` Lulju 2003 u tal-ittra ufficjali tat-8 ta` Awissu 2003 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.*

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

“Rat in-nota tal-konvenuta Rita Schembri llum Gatt tas-6 ta` Ottubru 2003 (fol 10) li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

"Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta` Ottubru 2003 fejn, wara li deherilha li l-konvenut Joseph Schembri seta` kellu fuqhiex jikkontesta t-talba, tat lill-istess Joseph Schembri zmien ghoxrin (20) jum biex jipprezenta nota ta` eccezzjonijiet.

"Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut prezentata fl-20 ta` Ottubru 2003 li taqra hekk –

"*1. Preliminarjament illi l-uzu tal-procedura bil-giljottina fil-kaz in kwistjoni hija manifestament skorretta u abbuz ta` din il-procedura specjali tant li tirrisali ghal gurament falz meta huwa ovvju anke mad-daqqa t`ghajn, illi mhux koncepibbli illi l-atturi jiddikjaraw li l-konvenut Joseph Schembri m`ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq ghat-talbiet attrici meta jafu ben tajjeb illi dan dejjem cahad li ghandu jaghti xi flus, ahseb u ara s-somma ta` kwazi Lm53,000 lil genituri ta` martu, li skont l-istess atturi ilha takkumula ghal dawn l-ahhar 16-il sena minghajr ma qatt ittiehdu proceduri biex jikkawtelaw il-cosi dett 'self' u cioe` nonostante baqghu jisilfu somom konsiderevoli sena wara sena u ghalhekk l-eccipjent ihoss li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tindaga dwar l-uzu abbusiv tal-procedura bil-giljottina fic-cirkostanzi fuq elenkati u tiehu dawk il-provvedimenti opportuni in vista ta` dan l-abbuz.*

"*2. Preliminarjament ukoll illi l-azzjoni ghal dak li jirrigwarda l-ammonti reklamati mit-13 ta` Gunju 1987 sas-7 ta` Gunju 1998 u kif elenkati fid-dokument "A" anness mac-citazzjoni hija preskritta bit-trepass ta` hames snin.*

"*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet illi d-domandi attrici fil-konfront tal-konvenut eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi l-eccipjenti qatt ma ssellef l-ammonti ndikati minghand il-genituri ta` martu kif lanqas qatt ma ffirma l-ebda skrittura mal-atturi la ghal l-allegat dejn u lanqas ghal kull haga ohra u ghaldaqstant l-iskrittura msemmija mill-atturi fl-affidavit ta` Philip Gatt jew m`ghandux il-firma tal-eccipjenti jew jekk hemm tali firma dina hija firma falza jew mittiehda b`ingann billi l-eccipjent la jaf jaqra u lanqas jikteb u minn issa l-eccipjenti jirriserva li jiehu kull azzjoni spettanti lilu nkluza azzjoni kriminali kontra min iffalsifika l-firma tieghu, jew min ottjena l-istess b`ingann.*

"*4. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.*

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

"Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur (flimkien mad-dokumenti li kienu annessi mal-att), tal-attrici Jane Gatt u ta` binthom il-konvenuta Rita Schembri llum Gatt.

“Rat in-nota b`dokumenti li l-atturi prezentata mill-atturi fl-14 ta` Gunju 2004.

“Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut.

“Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-konvenut u tal-attrici fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-attur fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami tal-attur fl-udjenza tal-20 ta` Frar 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat in-nota b`dokumenti li l-konvenuta pprezentat fl-udjenza tas-7 ta` April 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat in-nota b`relazzjoni *ex parte* tal-espert kaligrafu Joseph Gaffiero li pprezenta l-konvenut fl-udjenza tas-27 ta` Ottubru 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami tal-konvenuta fl-udjenza tas-27 ta` Ottubru 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami tal-attur fl-udjenza tat-28 ta` Marzu 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat in-nota b`dokument li l-konvenut ipprezenta fl-udjenza tat-28 ta` Marzu 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Joseph Gaffiero fl-udjenza tat-30 ta` Mejju 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u n-nota b`dokumenti li kienet prezentata mill-atturi fl-istess udjenza, liema dokumenti kienu rtirati minn Joseph Gaffiero sabiex jixhed dwarhom f`seduta ohra.

“Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Joseph Gaffiero fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2007 fejn, wara talba tal-atturi, hatret lill-P.L. Juliana Scerri Ferrante bhala espert kaligrafu sabiex tirrelata dwar il-firma li hemm fuq id-dokument a fol 81 tal-process, u d-dokumenti li kienu esebiti man-nota tat-30 ta` Mejju 2007 a fol 204 et seq, u tirrelata wkoll dwar jekk il-firem jaqblux bejniethom u mal-firma fuq id-dokument a fol 81.

“Rat ir-relazzjoni tal-espert kaligrafu nominata mill-Qorti li kienet mahlufa fl-udjenza tal-1 ta` Dicembru 2008, flimkien mal-atti li kienu prezentati mill-espert mar-relazzjoni taghha (fol 220 sa fol 268).

“Rat in-nota li l-konvenut ipprezenta fit-2 ta` Dicembru 2008 fejn talab il-hatra ta` periti addizzjonali.

“Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta tat-30 ta` April 2009 (fol 280) fejn laqghet it-talba tal-partijiet sabiex jinhatar perit addizzjonali wiehed biss u li dan ikun Dr. Anthony Abela Medici.

“Rat ir-relazzjoni tal-espert kaligrafu Dr Anthony Abela Medici li kienet mahlufa fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2009 (fol 417), flimkien mal-atti li kienu prezentati mill-espert mar-relazzjoni tieghu (fol 386 sa fol 415), kif ukoll hadet konjizzjoni tad-domandi li saru lill-espert in eskussjoni.

“Semghet ix-xiehda tal-konvenuta in kontroezami, tal-konvenut, ta` Tarcisio Scicluna u ta` Henry Farrugia fl-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2010.

“Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2010 (fol 423 sa fol 425) fejn *inter alia* wissiet formalment lill-konvenuta u lil Henry Farrugia dwar il-veracita` ta` dak li xehdu, u rriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri.

“Semghet ix-xiehda tal-attur in kontroezami fl-udjenza tal-24 ta` Jannar 2011 u rat id-dokumenti li pprezenta l-konvenut fl-istess udjenza.

“Semghet il-kontroezami tal-attrici u tal-konvenut fl-udjenza tal-5 ta` Mejju 2011, f`liema udjenza nghalaq il-gbir tal-provi tal-partijiet.

“Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

“Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-26 ta` April 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

“Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

“**Ikkunsidrat :**

“**II. Is-sorte**

“Il-pretensjoni tal-atturi skont il-kawzali ndikata fic-citazzjoni hija ghall-ammont ta` **Lm52,989.18**. Il-figura hija maqsuma hekk (ara Dok A) –

“**1) Lm231** fit-8 ta` Frar 1987 lid-ditta *Pace & Mercieca* ghall-injam li kien qed jintuza ghax-showroom tal-konvenuti (Dok PG 1).

“**2) Lm346** fil-25 ta` Mejju 1990, sabiex jinxtara l-madum tad-dar tal-konvenuti minghand *Banju Boutique* (Dok PG 2).

“**3) Lm55** fis-6 ta` Gunju 1990 biex inxtara l-konkos minghand *Schembri & Farrugia* ghad-dar tal-konvenuti (Dok PG 3).

“**4) Lm2,430** fit-12 ta` Lulju 1990 lill-hanut *Dew Drop* ghall-kamra tal-banju tad-dar tal-konvenuti (Dok PG 4).

“**5) Lm260** fit-8 ta` Frar 1991 lid-ditta FGP ghal-bieb tax-*showroom* tal-konvenuti (Dok PG 5).

“**6) Lm60** fil-25 ta` Gunju 1991 f`isem in-Nutar Joseph Darmanin ghal xoghol notarili li sar favur il-konvenuti (Dok PG 6).

“**7) Lm200** fis-16 ta` Lulju 1991 f`isem Salvu Muscat ghal xoghol li sar minnu fit-tarag tad-dar tal-konvenuti (Dok PG 7).

“**8) Lm1,315.66c** fid-9 ta` Ottubru 1991 sabiex thallset ir-*road contribution* ta` l-art tal-konvenuti (Dok PG 8).

“**8) Lm700** fil-31 ta` Ottubru 1997 sabiex il-konvenuti xtraw karozza bil-marka Fiesta (Dok PG 9).

“**9) Lm537** fit-22 ta` Dicembru 1997 sabiex thallset id-dwana ghal xoghol li l-konvenut gab minn barra (Dok PG 10).

“**10) Lm840** fl-20 ta` April 1998 ghal raguni li l-attur ma setax jiftakar (Dok PG 11).

“**11) Lm2,000** fil-15 ta` Mejju 1998 sabiex Rita Schembri tixtri arlogg tal-marka Rolex bhala rigal ghal zewgha Joseph Schembri (Dok PG 12).

“**12) Lm153.81** fis-7 ta` Gunju 1998 lil Rita Schembri, x`aktarx ghal bricks li ntuzaw sabiex kabbru c-cint ta` l-ghalqa tal-konvenut, li tinsab faccata ix-*showroom* (Dok PG 13).

“**13) Lm4,865.42** fil-15 ta` Ottubru 1998 f`isem FXB Limited ghall-kamra tas-sodda tal-konvenuti (Dok PG 14).

“**14) Lm656** fid-19 ta` Ottubru 1998 f`isem FXB Limited ghal ghamara ohra tad-dar tal-konvenuti (Dok PG 15).

“**15) Lm850** fit-23 ta` Ottubru 1998 ghal appliances li xtraw il-konvenuti minghand *Forestals* (Dok PG 16).

“**16) Lm180** fl-24 ta` Dicembru 1998 ghall-akkwist ta` ghodda ghax-showroom tal-konvenut minghand *Bonavia Stores* (Dok PG 17).

"**17) Lm8,060** fl-14 ta` Marzu 1999 ghal xoghol li l-konvenut gab mill-Ingilterra ghax-*showroom* tieghu (Dok PG 18).

"**18) Lm19,000** fit-30 ta` Marzu 1999 meta l-konvenuti dehru fuq konvenju mal-kumpanija *L. Spiteri & Sons Limited* dwar xiri ta` garage fi Triq Sqajjaq, Tarxien.

"**20) Lm1,275** fil-31 ta` Marzu 1999 f`isem in-Nutar Mario Bugeja (ara wkoll il-kuntratt esebit bhala Dok PG 20).

"**21) Lm134.98** fis-7 ta` April 1999 sabiex il-konvenut ihallas il-kontribuzzjoni tas-Sigurta` Socjali tieghu (Dok PG 21).

"**22) Lm2,232.08** fid-9 ta` April 1999 permezz ta` cheque f`isem Rita Schembri (Dok PG 22).

"**23) Lm946.93** fit-13 ta` Mejju 1999 permezz ta` zewg cekkijiet ghal xoghol li l-konvenut gab minn barra (Dok PG 23).

"**24) Lm181** fl-20 ta` Mejju 1999 f`isem George Pace li hatt xoghol li l-konvenut gab ghan-negozju tieghu (Dok PG 24).

"**25) Lm544.29** fit-12 ta` Gunju 1999 ghal hlas lid-Dipartiment tal-VAT minhabba n-negozju tal-konvenut (Dok PG 25).

"**26) Lm252** fit-23 ta` Lulju 1999 lil *V Demajo* ghal-*washing machine* ghad-dar tal-konvenuti (Dok PG 26).

"**27) Lm750** fl-1 ta` Settembru 1999 lil Andrew Scicluna ghal parti mill-prezz ta` garaxx (Dok PG 27 & 28).

"**28) Lm250** fis-6 ta` Ottubru 1999 b`cheque indirizzat lil Kent Motors, sabiex il-konvenut jixtri zewg magni ta` vetturi (Dok PG 29). **29) Lm150.70** fis-2 ta` Frar 2000 b`cekk indirizzat lil Alf Gatt Parts ghal-*parts* ta` vetturi li nxtraw mil-konvenut (Dok PG 30).

"**30) Lm868.70** fil-21 ta` Frar 2000 ghal-zewg cekkijjiet ghall-prezz ta` *parts* mixtrija mill-konvenut.

"**31) Lm543.61** fit-22 ta` Frar 2000 ghall-istess skop tal-partita precedenti (Dok PG 31).

"**32) Lm576** fil-5 ta` April 2000 b`cekk indirizzat lil *Tristar Travel* ghal safar tal-konvenuti (Dok PG 32).

"**33) Lm1,544** fid-19 ta` Mejju 2000 ghal-hlas lid-dwana ghal *parts* li l-konvenut gab minn barra (Dok PG 33).

“**Waqt il-gbir tal-provi, issemmew ammonti ohra ta` flus li jissupperaw l-ammont pretiz mill-atturi fil-kawza tal-lum. Il-Qorti sejra taghti konsiderazzjoni biss dawk il-provi li jirrigwardaw l-ammonti surriferiti billi t-talba attrici baqghet dejjem dik inizjali u cioe` talba ghall-hlas ta` ammont preciz u specifiku u cioe` Lm52,989.18.**

“**Ikkunsidrat :**

“**III. It-tieni eccezzjoni**

“Taqra hekk –

“*Preliminarjament ukoll illi l-azzjoni ghal dak li jirrigwarda l-ammonti reklamati mit-13 ta` Gunju 1987 sas-7 ta` Gunju 1998 u kif elenkati fid-dokument “A” anness mac-citazzjoni hija preskritta bit-trepass ta` hames snin.*

“Il-Qorti tghid mill-ewwel l-konvenuti ma ndikawx l-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu qeghdin jinvokaw il-preskrizzjoni tal-hames snin.

“**Hija gurisprudenza konsolidata illi l-Qorti ma tistax tissolleva l-preskrizzjoni hi *ex officio.* Lanqas ma tista` tkun hi li tindika l-artikolu rilevanti fl-assenza ta` indikazzjoni cara u inekwivoka da parti tal-eccipjent. Lanqas ma tista` tindika hi d-disposizzjoni korretta meta tkun rinfaccjata b`artikolu citat erroneament mill-eccipent.**

“(ara : Qorti tal-Appell – 11 ta` Mejju 1956 – “**Cali` vs Galea**” ; Qorti tal-Appell – 2 ta` Marzu 1953 – “**Cassar vs Ciappara**”).

“Fis-sentenza taghha tat-23 ta` Jannar 1953 fil-kawza “**Busuttil vs Abela et**”, din il-Qorti presjeduta mill-Onor Imhallef Alberto Magri qalet hekk –

“*Meta tigi eccepita preskrizzjoni minghajr ma tigi specifikata, il-Qorti ma tistax tezamina dik l-eccezzjoni, u ma tistax tissupplixxi ghan-nuqqas tal-parti li teccepiha.*

“Fis-sentenza taghha tal-21 ta` Marzu 1977 fil-kawza ‘**Grech vs Camilleri et’**, il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk –

“*Il-proposizzjoni generika ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta’ indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata nammissibbli.*

“Hekk ukoll kif ribadit mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tat-22 ta` Gunju 2005 fil-kawza ‘**Gauci vs Farrugia’** –

"*Il-gudikant ma jistax jirricerka d`ufficio il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi d`ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta.*

"**Il-Qorti qeghda tiddikjara inammissibbli t-tieni eccezzjoni u ghalhekk qeghda tichad l-istess eccezzjoni.**

"**Ikkunsidrat :**

"**IV. Provi**

"**L-attur** xehed illi hu u martu silfu flus lill-konvenuti li b`kollox jammontaw ghal Lm52,989.18c skont il-prospett Dok A. Ghalkemm kitbu lill-konvenuti ittra bl-avukat u ittra ufficjali, l-ammont dovut baqa` ma thallasx. Il-konvenuta tigi bintu. Qabel il-konvenuti zzewgu, il-konvenut kien xtara bicca art fi Triq Tal-Barrani, Tarxien, biswit il-pompa tal-petrol tal-atturi. Waqt li kien qed jizviluppa l-art, il-konvenut gie nieqes mill-flus. Fuq l-art inbniet showroom. Tul iz-zmien, ghadd konsiderevoli kienu l-flus li l-konvenuti talbu lill-attuyri biex jisilfuhom. Qatt ma kien stabbilit terminu ghall-hlas lura tal-flus. In segwitu, il-konvenuti kellhom inkwiet matrimonjali u sahansitra nfirdu bil-konvenuta tibdel anke l-kunjom.

"**L-attrici** kkonfermat ix-xiehda ta` zewgha l-attur. Xehdet illi fil-kawza tal-lum kienet reklamata r-rifuzjoni tal-flus li kienu mislufa lill-konvenuti u li kienu koperti b`cheques. Ipprecizat illi kull meta l-konvenut kien ikun jehtieg il-flus, kien jibghat lill-konvenuta ghandha biex hi tohrog ic-cheques.

"Il-konvenuta Rita Gatt gia` Schembri **ammettiet** it-talbiet attrici.

"Meta ssejhet biex tiddeponi, **Rita Gatt** xehdet illi hi u zewgha kienu ghaddejjin minn proceduri ta` separazzjoni. Hi u zewgha kienu talbu lill-atturi, genituri taghha, sabiex jisilfuhom diversi somom ta` flus, u dan wara li l-konvenut kien xtara bicca art. L-atturi kienu fil-fatt hargu flus favur taghhom inkluz ghar-rigward tax-*showroom* li kienu bnew kif ukoll ghad-dar taghhom. Issostni illi l-konvenut kien ighidilha illi la hi kienet l-unika wild tal-atturi kellha titlob lill-genituri biex jisilfuha l-flus halli jlestu d-dar, imbaghad meta jkunu jistghu, iroddu lura l-flus. Il-konvenut qalilha wkoll illi jekk jinfirdu, ma kienx se jaghmel tajjeb ghad-dejn li kellu mal-genituri taghha.

"Il-konvenuta tixhed illi wara li beda l-inkwiet matrimonjali ma` zewgha, il-konvenut beda jghidilha illi ma kellu jaghti xejn lill-genituri taghha. Kien hemm zmien fejn il-konvenuti rrangaw. Il-konvenut rega` ried self minghand l-atturi. L-atturi ma fdawx lill-konvenut u riedu li ssir skrittura

quddiem in-nutar. Il-konvenut irrifjuta pero` saret karta xorta mhux quddiem nutar li kienet iffirmata nkluz mill-konvenut fl-1 ta` Gunju 2001. Il-konvenuta xehdet illi hi u zewgha kienu qablu li jhallsu lill-atturi l-flus mertu ta` din il-kawza wara li jkun thallas l-ammont skont l-iskrittura a fol 81.

"**Il-konvenut** xehed illi hu dejjem kien ihalli l-finanzi kompletament f`idejn martu l-konvenuta, peress illi ma kienx jaf jaqra u jikteb. Fi kliemu : *"affarijiet ta` hlas u karti kienet tmexxi kollox hi."*

"Isostni li kien hallas lill-attur is-somma ta` Lm7,000, li kien gabar mill-bejgh ta` hanut li kellu Bugibba u li kien tieghu qabel iz-zwieg.

"Fil-kontroezami, il-konvenut xehed illi anke l-hlas tal-haddiema tieghu kienet tiehu hsiebhom martu. Din gieli kienet thallas bic-*cheque-book* ta` ommha pero` ma jafx ghaliex kienet taghmel hekk.

"Ighid illi kien hu stess li bena d-dar tieghu, bl-ghajnuna ta` zewg haddiema tieghu. Matul iz-zwieg, huwa qatt ma kien imur tajjeb ma` l-attur, u ghalhekk ftit li xejn kien jiltaqa` maghhom. Jistqarr : *" ... ma konniex ningwalawha xejn u bilkemm konna nitkellmu".*

"Isostni li kienu jghixu bil-flus li kellu tieghu personali u li kellu mix-xoghol tieghu peress illi kien jahdem ma` huh.

"Ighid illi qatt ma talab flus minghand l-atturi, peress illi kellu *overdraft* mal-Bank. Fi kliemu stess : *"Jien qatt ma naf li ghidt lil Rita biex nissellef xi flus minghand missierha u jekk din qatt marret tistaqsihom ma nafx ghax qatt ma qaltli li sselfet xi flus".*

"**B`referenza ghall-iskrittura a fol 81 fejn jinghad illi hu u martu Rita fl-1 ta` Gunju 2001 kienu ssellfu l-ammont ta` Lm60,000 minghand l-atturi, jixhed illi ma kienx jaf b`dik l-iskrittura, u li l-firma li hemm mhijiex fil-verita` tieghu u giet mehuda b`ingann.**

"Isostni illi ma jafx minn fejn kienet taghmel il-pagamenti martu, izda jekk kienet taghmilhom mill-kontijiet ta` ommha dan kienet taghmlu wara daru u minghajr ma` kien ikun jaf.

"**Ikkunsidrat :**

"**V. Il-mertu**

"Il-konvenut jirribatti fil-mertu l-istanza attrici bl-ewwel u bit-tielet eccezzjonijiet. Il-Qorti sejra ghalhekk tqis il-provi fil-mertu li gabu l-atturi fil-kuntest ta` dawk l-eccezzjonijiet.

"Bit-tielet eccezzjoni, il-konvenut mhux biss qed jikkontesta l-mertu tal-istanza attrici meta jghid illi hu qatt ma ssellef il-flus li taghhom l-atturi qeghdin jitolbu rifuzjoni, izda jmur dritt biex jolqot il-kredibilita` tal-verzjoni ta` l-atturi bil-kontestazzjoni tal-attendibilita` tal-iskrittura a fol 81. Infatti bit-tieni parti tal-istess eccezzjoni, il-konvenut qieghed prattikament jistieden lill-Qorti biex tiskarta ghal kollox l-verzjoni tal-atturi u ta` martu l-konvenuta, u taghti affidament biss lill-verzjoni tieghu ghaliex, skont hu, il-firma fuq l-iskrittura a fol 81 ma kenitx tieghu ghax dik tal-iskrittura hija falza. Ghalhekk il-konvenut kwazi kwazi qed ighid illi l-prova tal-falsita` tal-firma tieghu fuq l-iskrittura in kwistjoni ggib fix-xejn il-kredibilita` tal-atturi u ta` martu l-konvenuta.

"In sostenn tad-difiza tieghu, il-konvenut iressaq bhala prova *ex parte* r-relazzjoni ta` **Joseph Gaffiero** bhala perit tekniku fis-suggett tal-kaligrafija (fol 184 sa fol 188) li xehed ukoll fil-kawza. Il-konkluzjoni ta` Joseph Gaffiero kienet din –

"*Bhala konkluzjoni, insostni li min ghamel din il-firma kellu access ghal vera firma ta` Joseph Schembri, u dana nghidu ghax, ghalkemm il-firma mhijiex ittrejsjata (not traced) hemm xi karatteristici li huma mxebbhin tajjeb.*

"*Dawn jissuggerixxu li min iffirma kien kapaci jikkopja tajjeb dak li qieghed jara, izda mhux bizzejjed biex il-firma tghaddi bhala genwina. In-nuqqasijiet li semmejt jien, hemm bizzejjed biex wiehed jaccerta ruhu li l-firma in kwistjoni, jigifieri dik ta` duq Dok PG34 a fol 81 mhix il-firma solita ta` Joseph Schembri, imma hi kopja ta` xi hadd li kellu access ghall-original, u ghar-ragunijiet li semmejt jien insostni li hija firma falza u mhijiex maghmula minn Joseph Schembri.*

"Din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-**P.L. Juliana Scerri Ferrante** bhala espert tekniku tal-kaligrafija. Ir-relazzjoni taghha taghmel parti mill-atti ta` din il-kawza. L-espert tghid hekk (ara fol 233 u fol 234) –

"*Meta gew studjati l-karatteristici generali u partikolari ta` din il-firma u cioe` l-modricita`, kontinwita`, velocita`, modulazzjoni, andament ritmiku, kalibru, curvilinata, direzzjoni tar-riga u tenuta tar-riga, inklinazzjoni, l-armonija globali kif ukoll il-karatteristici dettaljati bhal formazzjoni tal-ovali, l-asti, prolungi, gunti, tratti inizjali u finali (specjalment identici mal-firem li jinstabu fil-kuntratt datat sbatax ta` Marzu 1999) id-dixxendenza ecc., jirrizulta li l-probabilita` hija li Joseph Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 435060M ffirma din il-firma fuq din l-iskrittura privata.*

"Wara talba tal-konvenut, din il-Qorti kif presjeduta hatret bhala perit addizzjonali lil **Dr Anthony Abela Medici**. Fir-relazzjoni tieghu (ara fol 412), il-perit addizzjonali jasal ghal din il-konkluzjoni –

"*Illi ghaldaqstant, fl-opinjoni tal-esponent, kwalifikata bi tletin sena esperjenza fl-ezamijiet ta` kaligrafija, il-firma fuq id-dokument PG34 a fol 81, u fuq l-original ppresentat fis-seduta tat-2 ta` Lulju 2009, hija l-firma tal-konvenut Joseph Schembri, karta tal-iudentita` 435060M.*

"Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu **prova** importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

"Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li –

"*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

"In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt , dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."* (ara –"**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998). Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**"Cauchi vs Mercieca"** – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **"Saliba vs Farrugia"** – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

"Fil-kaz tal-lum, iz-zewg periti teknici nkarikati mill-Qorti ddikjaraw minghajr esitazzjoni li l-firma ta` Joseph Schembri li tidher fuq l-iskrittura in kwistjoni hija dik tal-konvenut. In partikolari, il-perit addizzjonali jikkontesta, b`mod kapillari u xjentifiku, il-kostatazzjonijiet li ghamel il-perit *ex parte.* Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li l-konkluzjonijiet tal-perit taghha jaghtu

aktar affidament u kwindi din il-Qorti mhijiex sejra tiddiskosta ruhha minnhom.

"Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti ma tara propju xejn impropriju li l-atturi jaghzlu li jitolbu r-rifuzjoni tas-self meta skatta l-inkwiet matrimonjali bejn l-unika binthom u zewgha l-konvenut. Il-prova li trid issir mhix ghaliex saret il-kawza izda jekk fl-ewwel lok kienx hemm self u fit-tieni lok jekk is-self kienx ghall-ammont pretiz fic-citazzjoni. Lanqas ma tara xejn spropozitat illi ghax il-konvenut irrifjuta li kien hemm self, l-atturi jipprezentaw din il-kawza kontra l-konvenut u kontra binthom stess ladarba jikkontendu li d-dejn kien gravanti l-komunjoni tal-akkwisti. Daqstant iehor hija spjegabbli l-posizzjoni li hadet il-konvenuta fil-kawza u cioe` li tammetti t-talba tal-atturi.

"Ma hemmx dubju li rrizulta konflitt bejn il-verzjoni tal-membri tal-familja Gatt fuq naha wahda, u l-konvenut fuq in-naha l-ohra.

"Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Xuereb vs Gauci et**", il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk –

"*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*
*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

"*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" …*

"Tal-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti **(PA/TM)** tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Bugeja vs Meilak"** fejn inghad hekk –

"*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li -*

> *"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi,*

*generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

"*Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia" –*

> *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

"(ara wkoll – "**Ciantar vs Curmi noe**" – PA/PS – deciza fit-28 ta` April 2003 u "**Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Difesa**" - PA/PS - deciza fit-28 ta' Mejju 2003).

"Dan premess, u riferibbilment ghall-kaz tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma illi ghal kull ammont pretiz u dokumentat mill-atturi, il-konvenut wiegeb b`rifjut li jirrikonoxxi li qatt ircieva self minghand l-atturi. Din kien il-linja ta` difiza traccjata mill-konvenut. Pero` jirrizulta li f`waqtiet tal-istess difiza, in partikolari waqt il-kontroezami, il-konvenut waqa` f`inkonsistenzi lampanti. Ewlenija dik meta jsostni illi huwa hallas lura d-Lm19,000 li l-atturi jikkontendu li sellfu lill-konvenuti fit-30 ta` Marzu 1999. Il-kontestazzjoni tal-konvenut kienet netta : ma ssellef xejn minghand l-atturi. Fil-kors tal-kawza, iddipartixxa minn dik id-difiza u biddel id-direzzjoni tieghu meta allega li dawk id-Lm19,000 kienu thallsu ; kontradizzjoni *a cielo aperto.*

"L-assjem tal-verzjoni tal-konvenut hija karenti minn kredibilita` ghaliex inti ma tistax teccepixxi illi ma hadt l-ebda self, anzi ma hadt l-ebda flus, imbaghad fix-xiehda, tikkontendi li jekk ghaddew flus, dawn kienu b`donazzjoni. Il-Qorti ma tistax tqis din l-allegazzjoni tal-konvenut bhala difiza ladarba ma kenitx eccepita fin-nota tal-eccezzjonijiet. L-affermazzjoni tal-konvenut isservi biss biex tkompli ggib konfuzjoni fid-difiza tieghu u tirrendiha inverosimili.

"Fuq bazi ta` probabilita` mhux bizzejjed illi l-konvenut ighid illi meta hu u martu kienu sewwa, affarijiet ta` flus kienu f`idejha fuq il-pretest li hu la kien jaf jaqra u lanqas jikteb. Kellu quddiemu lista shiha ta` esborsi li l-atturi jsostnu li ghamlu favur tieghu u ta` martu. L-anqas haga li kellu jaghmel il-konvenut kien li jirribatti b`mod konvincenti u perswaziv partita wara l-ohra l-flus pretizi minnu. F`dan il-konvenut naqas ghal kollox u minflok erhielha billi kkontesta dak pretiz minnu bl-allegazzjoni li kien trattat hazin mill-genituri ta` martu, li ghal din il-Qorti mhuwiex bizzejjed biex igib fix-xejn l-provi li ngabu kontra l-konvenut.

"Pero` dak li jirrendi ghal kollox nveritier (u allura inattendibbli) l-assjem tal-verzjoni tal-konvenut hija l-prova **oggettiva** li l-firma fuq id-dokument a fol 81 hija tal-konvenut – mhux kif halef il-konvenut li ma kenitx. Din il-prova taghti sostenn qawwi lill-assjem tal-verzjoni tal-atturi, u prattikament

iggib fix-xejn kull affermazzjoni, anke jekk bil-gurament, li ghamel il-konvenut waqt il-kawza. Anke ghalhekk l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet qed ikunu respinti.

“**Decide**

“**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

“**Tichad l-ewwel eccezzjoni.**

“**Tichad it-tieni eccezzjoni.**

“**Tichad it-tielet eccezzjoni.**

“**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**“Tilqa` t-tieni talba attrici, u anke wara li qieset l-ammissjoni tal-konvenuta Rita Gatt, tiddikjara liz-zewg konvenuti bhala debituri “in solidum” tal-attur fl-ammont ta` mija tlieta u ghoxrin elf erba` mija wiehed u tletin Ewro disgha u hamsin centezmu (€123,431.59) ekwivalenti ghal tnejn u hamsin elf disa` mija disgha u tmenin lira tmintax-il centezmu (Lm52,989.18) kif fuq inghad.**

“**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex “in solidum” bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta` mija tlieta u ghoxrin elf erba` mija wiehed u tletin Ewro disgha u hamsin centezmu (€123,431.59) ekwivalenti ghal tnejn u hamsin elf disa` mija disgha u tmenin lira tmintax-il centezmu (Lm52,989.18), bl-imghax legali mid-29 ta` Settembru 2003 (data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenuti). Tikkundanna lill-konvenuti sabiex “in solidum” bejniethom ihallsu lill-atturi l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta` Lulju 2003 u dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta` Awissu 2003.**”

Kif jidher allura din is-sentenza laqghet it-tieni u t-tielet talba attrici; sar allura dan l-appell mill-konvenut imsemmi li permezz tieghu qed jitlob ir-revoka tas-sentenza u li allura jigu michuda t-talbiet attrici. L-appellati talbu l-konferma tas-sentenza fir-risposta taghhom.

Il-Qorti ghalhekk, rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u ikkonsidrat:

**AGGRAVJI**

Illi l**-ewwel aggravju** jirrigwardja l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni; l-appellant fil-waqt li jirrikonoxxi meta intavola l-istess eccezzjoni ma ipprecizax l-artikolu tal-Kodici Civli li ghalih ghamel referenza fl-istess eccezzjoni tieghu, qed jipprevalixxi ruhu mill-fatt illi kif risaput, din l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke f'dan l-istadju u qed jindika l-Artikolu 2156 (e).

Kif pero` qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Vella v. Moby Rentals Ltd** (22 ta' Novembru 2001) *"L-eccezzjoni tal-pagament mhix inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni. Hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew tal-kompensazzjoni"* **(Volum XXX.i.964)**.

It-tielet eccezzjoni tal-appellat hija appuntu l-inezistenza tal-kreditu in kwistjoni u allura l-appellant ma jistax iressaq dawn iz-zewg eccezzjonijiet simultanjament. Oltre dan il-konvenuta Rita Gatt ammettiet it-talba u "g*har-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni b'gheluq ta' hames snin, …..*

*ghandu jigi precisat li "L-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in solidum, u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom*" – (**Buhagiar nomine v. Arrigo nomine**, Prim'Awla 9 ta' Ottubru 2003).

Dan l-aggravju huwa allura michud.

**It-tieni aggravju** huwa li s-sentenza appellata inghatat 'extra petita' ghaliex skont l-appellant il-Qorti '*waslet ghall-konkluzjonijiet taghha billi ikkonflazzjonat iz-zewg krediti pretizi mill-atturi, il-pretensjoni mertu tal-kawza fl-ammont ta' Lm52,989.18 mill-pretensjoni ta' Lm60,000 ibbazata fuq l-iskrittura privata a fol. 81'.*

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata akkuratament u ma jidhrilhiex li dan huwa l-kaz. Il-Qorti kif kellha taghmel, iddecidiet il-kawza fuq it-talbiet li kellha quddiemha u l-eccezzjonijiet tal-istess appellant. Kif issottomettew l-appellati fir-risposta taghhom, l-ezistenza tal-iskrittura qajjimha l-appellant stess fil-kors tal-kawza u kien huwa stess li ressaq prova 'ex parte' dwar l-awtenticita` tal-firma tieghu. L-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghall-iskrittura semplicement biex tikkonferma l-fehma taghha li l-appellant ma kienx kredibbli fl-espozizzjoni tal-provi fil-kawza u allura l-istess Qorti

skartat il-verzjoni tieghu tal-fatti. Anzi l-ewwel Qorti, sa mill-bidu tal-konsiderazzjonijiet taghha, elenkat l-okkazzjonijiet li fihom l-atturi ghaddew il-flus lill-konvenuti u allura huwa evidenti li hija ma ghamlet ebda konfuzjoni bejn l-iskrittura u l-mertu tal-kawza odjerna. Ghalhekk anke dan l-aggavju huwa michud.

**It-tielet aggravju** huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li ngabru quddiemha u tal-mod kif ghaddew il-flus bejn il-kontendenti.

Permezz ta' dan l-aggravju allura l-appellanti isostni li ma sarx apprezzament tajjeb mill-ewwel Qorti tal-provi migbura quddiemha. Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); u **Frendo v. Agius** (1 ta' Frar 2008); "*Qabel xejn ghandu jigi mill-gdid rilevat li din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bhala Qorti ta' revizjoni, hija bhala regola m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatt li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li hija tkun tista' tikkoregi ingustizzja manifesta*".

Madankollu huwa minnu wkoll li "*Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas Sahha,** Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

F'dan il-kaz, kif gia` gie accennat din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li ghandha taqbel mal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u dwar il-mod kif waslet ghall-konkluzjonijiet taghha anke a bazi tal-

kontradizzjonijiet lampanti fil-mod kif l-appellant ta l-verzjonijiet tieghu dwar il-fatti li taw lok ghall-kawza. Certament din il-Qorti ma tirriskontrax xi ingustizzja li giet kommessa fil-konfront tal-appellant; anzi din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel riferenza ghal dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u tiddikjara bla riserva li taqbel ma' dak kollu li qalet l-istess Qorti. Anke dan l-aggravju huwa ghalhekk michud.

Finalment **fl-ahhar aggravju** tieghu l-appellant jghid li l-ammonti mitluba ma gewx pruvati. Jghid li l-elenku tac-cekkijiet mahruga ma jikkostitwixxux prova fil-konfront tieghu.

Huwa minnu li min jallega jrid jipprova jew –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*" kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995 u ricentement minn din il-Qorti fil-kawza **Vella v. Customs Freight Limited,** 29 ta' April 2016). F'gudizzju civili il-Qorti trid tiddeciedi fuq *il-preponderanza tal-probabiltajiet* (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; *b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-*

*dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'* – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Fil-kaz in ezami jidher car mill-kumpless tal-provi li c-cekkijiet in kwistjoni kienu hlasijiet li saru lill-konvenuti ghal diversi ragunijiet izda ma hemmx dubbju li dawn il-hlasijiet saru u ghalhekk il-Qorti terga' tirreferi ghal dak li gia qalet fir-rigward tat-tielet aggravju u cioe` li hija ma tiddisturbax apprezzament li tkun ghamlet il-Qorti tal-Ewwel Istanza sakemm ma jirrizultalhiex ingustizzja manifesta jekk ma taghmilx hekk.  Certament dan ma hux il-kaz kif gia` intqal.  Kwindi anke dan l-aggravju huwa michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata interament kompriz il-kap tal-ispejjez; l-ispejjez ta' dawn il-proceduri tal-appell huma a kariku tal-konvenut appellant wahdu.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df